# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 14/2023 BS**

**CC**

**-vs-**

**RC**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat konġunt tal-partijiet illi ppremettew:**

1. ILLI l-partijiet iżżewġu lil xulxin fid-9 ta' Ġunju 1975 fil-Parroċċa tal-Madonna ta' Loretu, Għajnsielem, Għawdex, u dan iż-żwieġ ġie debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku—Għawdex u jġib in-numru

progressiv 68/1975 (vide l-estratt relattiv hawn anness u mmarkat **Dokument "A"**);

2. ILLI dan iż-żwieġ tkisser irremedjabbilment snin ilu, u l-partijiet isseparaw minn ma' xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni personali tal-14 ta' Frar 2023 fl-atti tan-Nutar Anna Maria Mizzi (vide kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument "B"**);

3. ILLI l-partijiet bdew jgħixu separatament fuq bażi *de facto* saħansitra qabel l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali, u senjatament sa minn Ġunju 1994;

4. ILLI ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, anke billi huma jgħixu l-ħajja separata tagħhom;

5. ILLI ma hemm l-ebda kwistjoni rigward manteniment bejn il-partijiet li tista' b'xi mod ixekkel lill-esponenti milli jipproċedu b'din l-istanza;

6. ILLI għaldaqstant il-kontendenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju;

7. IILI l-esponenti jixtiequ u jridu jottjenu l-ħall taż-żwieġ u għalhekk qed issir din l-umli talba.

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

(1) Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet; u

(2) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Malta bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat;

u dan taħt kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors ġuramentat konġuntiv tal-partijiet;

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti mar-rikors ġuramentat;

**Fliet** il-kuntratt ta' separazzjoni;

**Fliet** id-dokumenti u l-atti kollha;

**Rat** l-Artikoli 66A, 66B u 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Rat** illi l-kondizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti;

**Rat** ukoll li mill-atti jirriżulta ben ċar illi ma hemm l-ebda possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

**DECIDE:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża

lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż għandhom jitħallsu mill-partijiet f'partijiet ugwali.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**